MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2011

Numru. 238/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Antonovitch Muscat]**

**vs**

**Dennis Gili**

**Il-Qorti,** Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Dennis Gili detentur tal-karta tal-identita` numru 462763(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-6 ta' Ottubru 2006 jew fil-jiem ta' qabel,

a. irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

b. kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi wieghed, ta jew offra, sew b’mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll illi l-imputat ikun skwalifikat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti;
Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 185(1), u 121A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn wiegeb li mhux hati ghall-akkuzi kif dedotti kontrih; u
Rat ix-xhieda migjuba mill-prosekuzzjoni.

Stante li l-akkuzi ma gew bl-ebda mod ippruvati mill-prosekuzzjoni, stante li ghalkemm mid-dokumenti pprezenati mir-rapprezentant ta’ Transport Malta Brian Farrugia, is-sistema kompjuterizzata turi illi l-imputat ottjena minghajr permess licenzja wkoll tal-mutur b’dan li l-imputat m’ghandux din it-tip ta’ licenzja fuq l-licenzja li rcieva u li ghadha valida sal-guranata tal-lum u ghalhekk bl-ebda mod l-akkuzi ma gew ippruvati u qeghda tillibera lil Dennis Gili mill-akkuzi kif dedotti kontrih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------